ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2012**

Ro

StudentBounty.com

**IT-TIENI SENA** **IL-MALTI** **IL-ĦIN: SAGĦTEJN**

**L-Isem:** ______________________________________ **Il-Klassi:** _______________

Istruzzjonijiet lill-istudenti:

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.

2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

---

GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

L-ISKEMA TAL-MARKI

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 18 | 25 | 4 | 7 | 3 | 23 | 20 | 100 |
| Marki tal-istudent/a | | | | | | | | |

KUMMENTI

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**A. SILTA GĦALL-QARI** (1

## ID-DENTIST



Jisimni Peter Attard. Imma kulħadd jgħidli Dott. Jiena tabib tas-snien. Nissejjaħ dentist. (*par. 1*)

Ħafna nies jibżgħu jiġu għandi. Jibżgħu li se jweġġgħu. Imma din hija bluha kbira. Aktar tweġġa' jekk tħalli s-snien jitħassru u jimirdu. Is-snien jeħtieġ nieħdu ħsiebhom. Jeħtieġ naħsluhom kuljum qabel norqdu. B'hekk inkunu neħħejna l-ħmieġ li jista' jħassar is-snien. (*par. 2*)

Il-ħelu xejn ma jagħmel ġid lis-snien. It-tfal jagħmlu ħażin jekk jieklu ħafna ħelu. Tajjeb li wara li jieklu l-ħelu jmorru dritt jaħslu snienhom. (*par. 3*)



(Addattament minn *Id-Dentist* ta' Trevor Żahra minn **Nies Ħbieb Tagħna**)

1. Kompli l-kelma.

   a. Peter Attard huwa d-________________ għaliex huwa t-tabib tas-________________. (2)

   b. Ħafna nies j________________ minnu għaliex jaħsbu li se j________________. (2)

   ċ. Il-________________ ma jagħmilx ġ________________ lis-snien. (2)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. Veru jew Falz?

a. Tweġġa' jekk tħalli s-snien jitħassru. ___________________________

b. M'hemmx bżonn nieħdu ħsieb is-snien. __________________________ (1)

ċ. Qabel norqdu rridu naħslu snienna. ______________________________ (1)

d. Il-ħmieġ ta' mas-snien iħassarhom jekk ma naħsluhomx. __________ (1)

e. Il-ħelu huwa ta' ġid għas-snien. ________________________________ (1)

f. Huwa tajjeb li taħsel is-snien wara li tiekol il-ħelu. _______________ (1)

3. Wieġeb

a. Għaliex lil Peter Attard kulħadd isejjaħlu Dott ?

__________________________________________________________ (2)

b. Fit-2 paragrafu, x'jgħid li hija d-dentist meta ħafna nies jibżgħu li se jweġġgħu ? _____________________________________________ (2)

ċ. It-tfal, għaliex jagħmlu ħażin jekk jieklu ħafna ħelu ?

__________________________________________________________ (2)

**B. LINGWA** (25 marka)

1. Ngħidu **dentist** wieħed iżda ħafna **dentisti**.

Imla l-kaxxa bil-plural. (3 marki)

| SINGULAR | PLURAL |
|---|---|
| a. klinika waħda | a. ħafna ___________________________ |
| b. tabib wieħed | b. ħafna ___________________________ |
| ċ. mara waħda | ċ. ħafna ___________________________ |

2. Minflok : **il-kelma ta' ommi** nista' ngħid: **kelmet ommi**.

Imla l-vojt.

a. minflok: **il-ġnien tas-sultan** nista' ngħid: ______________________ is-sultan. (1)

b. minflok: **il-mara ta' Jason** nista' ngħid: ________________________ Jason. (1)

ċ. minflok: **ir-ras tat-tigra** nista' ngħid: ras it-__________________________. (1)

d. minflok: **is-saħħa ta' missieri** nista' ngħid: saħħet ____________________. (1)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3. Kemm għandu konsonanti l-verb?

a. karkar - __________________ konsonanti.

b. libes - ___________________ konsonanti. (1)

4. Ikteb il-konsonanti.

a. fetaħ - ______________ (1)

b. daħak - _____________ (1)

5. Biddel fil-maskil.

a. Hija **ħaslet** il-ħwejjeġ.

Huwa _____________ il-ħwejjeġ. (1)

b. Aħna **farfarna** l-għamara.

Huwa _____________ l-għamara. (1)

6. Mill-verb tal-kolonna tal-ġenb, imla l-vojt biex tkompli s-sentenza.

L-ewwel waħda hija lesta.

| | | |
|---|---|---|
| Il-**<u>qari</u>** huwa importanti. | qara | |
| a. Il-_____________ huwa interessanti. | kiteb | (1) |
| b. Il-_____________ huwa problema. | ipparkja | (1) |
| ċ. Ħa _____________ fil-baħar biex jiffriska. | qabeż | (1) |

7. Imla l-vojt skont il-kelma fil-parentesi. L-ewwel waħda hija lesta.

Jacob huwa tifel <u>ordnat</u> (ordni) f'xogħlu.

a. Il-postijiet kienu ________________ (ibbukkja) kollha . (1)

b. Il-gowl ġie _____________ (skorja) minn plejer magħruf. (1)

ċ. L-ittra kienet _____________ (iffirma) mill-Kap. (1)

8. Agħżel il-kelma t-tajba u imla l-vojt. L-ewwel waħda hija lesta.

Ir-raġel huwa <u>twil</u>. (twil, twila, twal)

a. Oħti hija _____________ (twila, itwal, l-itwal) minni. (1)

b. Il-baħar huwa _____________ (sħan, sħuna, sħun) biex tgħum. (1)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

9. Ikteb in-numru ħdejn il-kelma li taqbel.

L-ewwel waħda hija lesta.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | l-għ-b | | xokk |
| 2. | ixxukkjat | | nsteraq |
| 3. | ħ-r-ġ | | eduka |
| 4. | s-r-q | **1** | lagħab |
| 5. | eduk | | ħriġna |

## Ċ. IL-PROVERBJI (4 marki)

Kompli s-sentenza billi timla l-vojt.

1. Talli _____________ (tħallas, tberbaq, tfaddal) tieħu.
2. Iż-żmien jagħti _____________ . (età, parir, kuraġġ)
3. (Alla, Il-bniedem, Ix-xitan) _____________ jibgħatha tajba.
4. Sar għadma u _____________ (demm, għaraq, ġilda).

## D. MALTI PRATTIKU (7 marki)

Imla l-vojt billi tagħżel mill-kaxxa l-kelma addattata.

pjazza, dar, miexi, dur, ħanut, tieqaf, xellug

Meta _____________ il-karozza u tinżel minnha, ibda miexi lejn ix-_____________ u _____________ il-kantuniera. Issib _____________ tal-laħam. Kompli _____________ sa ma tasal fil-_____________. Faċċata tara kafeterija u ħdejha tara d-_____________ fejn noqgħod jien.

## E. IL-PROĠETT (3 marki)

1. X'kien is-suġġett li ktibt fuqu?_____________________________________ (1)
2. F'sentenza għid għaliex għoġbok tikteb dwar is-suġġett li għażilt.

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________ (2)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

## F. LETTERATURA

**A. NADRIET 2** - Wieġeb

1. *Ballata* hija miktuba minn Rużar B_____________. (1)

2. Bl-għajta tiegħu, il-barri kexkex il-b____________. (1)

3. Joe Friggieri kiteb il-poeżija Id-D______________ u Ġorġ Zammit kiteb dwar (1)

post ieħor f'Għawdex fil-poeżija G_____________. (1)

**B. NIES BLA SABAR** ta' Temi Zammit - Wieġeb

1. Fl-istorja *Ferħa Bla Temma*, Vitor kienet il-mara ta' K____________. (Kelinu, Kustanz, Kurun) (1)

2. Xħin qam min-nagħsa, Franswà sab xagħru m____________. (mgerfex, mqarweż, mqanfed) (1)

3. P____________ (Patricia, Phyllis, Pina) kienet mara bieżla u fuq tagħha. (1)

4. Fl-istorja *Bieżla u Għaqlija*, is-Sur N____________ (Nin, Nenu, Nonu) xtaq tfajla biex tieħu ħsiebu. (1)

5. Fl-istorja *Nies Bla Sabar*, is-Sur Anġ ta x____________ (xkora, xelin, xettru) lil xi bejjiegħa biex ħeles minnhom. (1)

6. Pawlinu u Karmelina huma ż-żewġ s____________. (sindikajra, sangisugi, seksieka) (1)

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Ċ. FUKLAR QADIM U BNADAR IMĊARRTA** ta' Trevor Żahra (13-il m…

Imla l-vojt bil-kliem mill-kaxxa.

| |
|---|
| ħamsin, rogħda, kamra, daħlet, Antida, bidla, faċendi, Ġemma, ħatfa, ton, żgħar, żaqżiqa, leħinha |

Il-bieb tal-k____________ infetaħ b'ż____________ u dehret il-bjuda taz-zija Ġemma. Iz-zija Antida kienet pronta xeħtet kollox fil-kexxun u għalqitu.

"Reġa' kien jistenniek!" daret tgħidilha z-zija A____________ hekk kif din d____________ u għalqet il-bieb warajha.

Iz-zija Ġ____________ ma weġbitha xejn. Resqet lejn il-lavaman u qagħdet tilgħab bl-ixkupilja.

"U int ħarist lejh!"

"Allura?" daret fuqha bil-ħ____________ z-zija Ġemma bl-ixkupilja f'idha. "In-nies iħarsu lejn in-nies!"

"Taf biżżejjed xi rrid infisser!" għolliet l____________ z-zija Antida waqt li mxiet lejn il-gwardarobba u niżżlet l-ispalliera bil-libsa tal-f____________. "Jista' jaħseb li qed tagħtih il-wiċċ! Dak iż-żmien għadda. M'għadniex ż____________!"

Iz-zija Ġemma reġgħet intilfet tilgħab mal-lanżit tal-ixkupilja, aktar bil-goff u bir-r____________ f'subgħajha.

"U la tridni ngħidhielek qed nara b____________ fik," kompliet iz-zija Antida b't____________ xi ftit eħrex minn ta' qabel. Tnejn u ħ____________ Ġemm… iddaħħakx nies bik!"

| **Ġ. KOMPONIMENT** | (20 marka) |
|---|---|

Ikteb għaxar sentenzi dwar **WIEĦED** minn dawn. (Ikteb fuq wara.)

1. L-isport favorit tiegħi (liema huwa, għaliex jogħġbok, kemm tipprattikah matul il-ġimgħa, fejn tagħmlu, ir-regoli tal-isport li tħobb tipprattika, eċċ.)

**JEW**

2. Għand tax-xagħar (fejn tmur, kull meta tmur, tmur waħdek jew ma' xi ħadd ieħor?, dak li tara waqt li tkun qed tistenna, għalfejn tmur – biex taqta' xagħrek, eċċ.)

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers